

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2011/300/PESK****tat-23 ta' Mejju 2011****li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-Libja, persuna oħra u entità oħra għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi mniżżla fl-Annessi II u IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK,

*Artikolu 1*

1. Il-persuna elenkata fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għandha tiġi inkluża fil-lista mniżżla fl-Annessi II u IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK.

2. L-entità elenkata fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni għandha tiġi inkluża fil-lista mniżżla fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

<sup>(1)</sup> ĠU L 58, 3.3.2011, p. 53.

## ANNEX I

## PERSUNA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(1)

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data ta' elenkar
1.	Kurunell Taher Juwadi	Ir-raba' responsabbli fil-linja tal-kmand tal-Gwardja Rivoluzzjonarja	Membru Ewlieni fil-reġim ta' Qadhafi	23.05.2011

## ANNEX II

## ENTITÀ MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(2)

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data ta' elenkar
1.	Afriqiyah Airways	Afriqiyah Airways L-Ewwel Sular Bini Waha 273, Triq Omar Almokhtar Kaxxa Postali 83428 Tripli, Libja indirizz elettroniku: afriqiyah@afriqiyah.aero	Sussidjarja Libjana ta'/li hija l-proprjetá tal-Libyan African Investment Portfolio, entità li hija proprjetá u taħt il-kontroll tar-reġim u indikata mir-regolament tal-UE.	23.05.2011